MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-23 ta' April, 2004

Avviz Numru. 30/1999/1

Anthony Borg .

VS

Anthony Grech .

Il-Qorti ,

Rat l-avviz illi permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex :

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li sehh fit-28 ta' Awissu, 1997 fuq il-vapur MV Mgarr .
2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' mitejn u tlieta u sittin lira u tmienja u erbghin centezmu (Lm263.48), kif ukoll is-somma ta' Lm50 bhala access mhallsa mill-attur Anthony Borg, jew somma ohra verjuri okkorrendo bl-opera ta' perti nominandi .

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attu et dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali datata 3 ta' Frar, 1998 .

Bl-ispejjez u bl-imghax legali komprizi dawk ta' ittra ufficjali datata 3 ta' Frar 1998 kif ukoll ittra uddicjali ohra prezentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Grech, li permezz taghha eccepixxa illi :

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-incident li sehh fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Awissu, 1997 fuq il-vapur MV Imgarr gara unikament minhabba imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur ;
2. Illi l-istess attur naqas li jhares ir-regolamenti li japplikaw fuq il-vapuri tal-kumpanija Gozo Channel .
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt jekk ikun il-kaz .

Bl-ispejjez kontra l-attur li minn issa qed jigi ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni .

Rat il-verbali tax-xhieda u d-dokumenti esebiti .

Innutat illi din il-kawza kienet imhollija ghal-lum ghas-subizzjoni tal-konvenut, u dana wara illi l-attur pprezenta l-kapitoli ghal dan il-fini fl-udjenza tad-disgha (9) ta' jannar, ta' din is-sena . Wara li fethet l-istess kapitoli, u nqraw dawn il-kapitoli, tqis fl-assenza tal-konvenut illi minkejja li gie msejjah tlett darbiet, naqas illi jattendi ghas-seduta tal-lum, tqis l-istess kapitoli bhala ammessi skond il-ligi, u tiddikjarah unikament responsabbli ghal l-incident mertu tal-kawza, u konsegwentement tikkundannah ihallas id-danni sofferti minn l-attur minhabba l-incident tat-traffiku msemmi f'dana l-avviz, fis-somma ta' mitejn, tlieta u sittin lira u tmienja u erbghin centezmu (Lm263.48c), kif ukoll somma ta' hamsin lira ohra bhala

excess imhallsa minn l-attur Anthony Borg, u ghal hekk tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata ta’ tlett mija u tlettax-il lira u tmienja u erbghin centezmu (Lm313.48c), bl-ispejjez inkluzi ta’ l-ittra ufficjali tat-3 ta’ Frar, 1998, kontra l-konvenut .

S3099Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------